MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 500/2003

**The Golden Shepard Group Limited**

**Vs**

**Claire Emma Pantallersco**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Marzu 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm733.03 (seba` mija tlieta u tletin lira Maltin u tlett centezmu) dovuti ghal servizzi u kura medika rezi lill-konvenuta.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
1. Il-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' seba` mija tlieta u tletin lira Maltin u tlett centezmi (Lm733.03) dovut ghas-servizzi u kura medika rezi lilha u dana jirrizulta mill-invoices numri 1013796 u 1013798, kopji hawn annessi bhala Dok. A. u Dok. B;

2. L-imsemmijin servizzi u kura medika gew ipprovduti lill-konvenuta mis-socjeta` attrici fuq ordnijiet taghha stess u dana jirrizulta mill-Pre Registration Form iffirmata mill-konvenuta, kopja hawn annessa bhala Dok C;

3. Il-konvneuta fil gia imsemmija Pre Registration Form indikat illi ser thallas is-somma ghas-servizzi u kura medika rezi lilha mis-sicjeta` attrici permezz ta` cheque;

4. Il-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas ghas-servizzi u kura fuq imsemmija u xorta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Jannar 2003, kopji taghha hawn annessi bhala Dok D, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-interpellanza sad-data tal-pagament effettiv, kontra il-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Illi preliminarjament kwantu ghall-ammonti pretizi ghall-akkomodazzjoni (Bill Number 1013796 – deskritt taht in-numri AC 1001 mill-21/12/2001 sal-24/12/2001) l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2147 (b) tal-Kap 16.

2. Illi subordinatament minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammonti pretizi m'humiex dovuti mill-konvenuta.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti pretizi mhux kollha dovuti lis-socjeta` attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ra n-noti rispettivi ta' sottomissjoniet.

Ikkonsidra:
Illi l-konvenuta qed tippretendi li ma ghandhiex thallas l-ispiza medika. Hija tallega li ma kienitx ghazla taghha li

tidhol f'dawn l-ispejjes u l-kont kellu jithallas mill-assigurazzjoni tal-principal taghha.

Illi apparti n-nuqqas taghha li tikkjama fil-kawza, l-istess principal u/jew socjeta` assiguratrici, jigi ribadit li s-servizz gie lilha moghti. Ma kienitx difiza legali li tisthoqq suffragju li titfa r-responsabbilta ghal hlas fuqhom. Hija dahlet l-isptar u s-servizz gie lilha rez, il-kura hija haditha u ffirmat is-solita pre-registration form. Huwa nutli f'dan l-istadju tallega li ma kienitx f'sikkitha. Kellha bizzejjed zmien qabel l-odjerni proceduri (mis-sena 2001) biex tiehu dawn il-passi minnha ritenuti bhala opportuni u necessarji. Ma tistax tillmenta kontra taghhom f'dan l-istadju.

Relattivament ghal eccezzjoni tal-preskrizzjoni dwar l-akkomodazzjoni zgur li sptar ma ghandhux jigi ekwiparat ghal lukanda, tverna jew allogg. Il-paragun zgur ma jaghmilx gustizzja bejn l-iskop ta' akkomodazzjoni li wiehed isib f'lukanda u sptar! Mhux applikabli l-Art 2147 (6) invokat mill-konvenuta izda l-Art 2156 (7) tal-Kap 16. In vista li s-servizzi gew rezi fil-perjodu 21 ta' Dicembru 2001 – 24 ta' Dicembru 2001, giet prezentata ittra ufficjali fis-17 ta' Jannar 2003 u notifikata fit-23 ta' Jannar 2003 u l-azzjoni attrici giet prezentata fl-4 ta' Marzu, 2003, allura l-preskrizzjonigiet interrotta fil-konfront tal-pretensjonijiet kollha attrici.

Illi l-kontijiet kif sottomessi ma gewx kontestati b'hekk qed jigu accettati.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna thallas is-somma ta' Lm733.03 (seba` mija tlieta u tletin lira Maltin u tlett centezmi) bl-interess u spejjes kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------